

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI
TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJET ĠENERALI EPSO/AD/230/12 (AD 5) U EPSO/AD/231/12 (AD 7)

(2012/C 76 A/01)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjonijiet ġenerali permezz ta' eżamijiet sabiex tinholq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi (*).

EPSO/AD/230/12 (AD 5) U EPSO/AD/231/12 (AD 7)

Amministraturi fl-oqsma li ġejjin:

1. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA
2. LIĠI
3. AWDITJAR
4. KOMUNIKAZZJONI
5. RELAZZJONIJET ESTERNI

L-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet hu li jinħolqu listi ta' riżerva maħsuba biex jimtlew pożizzjonijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Qabel ma tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 315 A tat-28 ta' Ottubru 2011 kif ukoll fuq is-sit tal-Internet tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJET
- III. KUNDIZZJONIJET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJET TAD-DĦUL
- V. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI
- VI. LISTI TA' RIŻERVA
- VII. KIF TAPPLIKA ?

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil hija wkoll għal persuna tas-sess femminil.

I. QAFAS ĠENERALI

1. Numru ta' kandidati li jikkwalifikaw skont il-kompetizzjoni u skont il-qasam	AD 5		AD 7	
	1 =	76	38	13
	2 =	51	5	14
	3 =	38	7	
	4 =	28		
	5 =	26		
2. Kummenti				
Dan l-avviż huwa rigward żewġ kompetizzjonijiet, li t-tnejn li huma jinkludu diversi oqsma. Int tista' applika għal kompetizzjoni waħda u qasam wieħed biss. Din l-għażla għandha ssir meta timla l-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku. Madankollu: — jekk applikajt għall-kompetizzjoni tal-grad AD 7, u — jekk fit-testijiet tad-dħul ksibt waħda mill-aħjar marki għall-grad AD 7 biex tiġi mistieden għall-fażi segwenti ta' din il-kompetizzjoni, u — jekk ma tissodisfax il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-kompetizzjoni tal-grad AD 7 iżda tissodisfa dawk tal-kompetizzjoni tal-grad AD 5, il-bord jista', bil-kunsens tiegħek (li tagħti fil-mument tal-applikazzjoni elettronika), jittrasferixxi l-kandidatura tiegħek għall-grad AD 5 tal-istess qasam. F'dan il-każ, ir-riżultati tiegħek jitqabblu ma' dawk tal-kandidati għall-kompetizzjoni tal-livell AD 5 u, jekk tkun fost dawk li jkunu kisbu l-aħjar riżultati fit-testijiet tad-dħul għal din il-kompetizzjoni (fil-qasam magħżul), tiġi mistieden għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Dan l-assenjar mill-ġdid iseħħ qabel l-istedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni u fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek fl-applikazzjoni elettronika. Il-kandidati li jkunu taħt il-livell tal-aħjar marki għall-kompetizzjoni tal-grad AD 7 ma jiġux ikkunsidrati għat-trasferiment lejn il-kompetizzjoni AD 5.				

II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

Il-grad AD 5 huwa l-grad li fih il-kandidati magħżula jidħlu f'karriera ta' amministratori fl-Istituzzjonijiet Ewropej. L-amministraturi impjegati f'dan il-grad jistgħu jwettqu, taħt superviżjoni, tliet tipi ewlenin ta' xogħol fl-istituzzjonijiet: tfassil tal-politika, funzjoni operattiva u ġestjoni tar-riżorsi. Aħna qed infittxu, partikolarment, kandidati b'potenzjal ta' żvilupp fil-karriera.

Grad AD 7

L-amministraturi impjegati f'dan il-grad jistgħu, aparti x-xogħol deskritt għall-grad AD 5, ikunu mitluba jwettqu funzjonijiet ta' koordinazzjoni ta' ħidma ma' persuni oħra u ta' superviżjoni tax-xogħol.

Deskrizzjoni dettaljata tal-oqsma differenti tinsab fl-Anness.

III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

Fid-data tal-għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika ⁽¹⁾, trid tkun tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha, ġenerali u speċifiċi, li ġejjin:

1. **Kundizzjonijiet ġenerali**

- Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- Tkun tgawdi d-drittijiet tiegħek bħala ċittadin.
- Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari.
- Tipproduċi r-referenzi dwar il-personalità mitlubin għat-twettiq tal-funzjonijiet previsti.

⁽¹⁾ Issir eċċezzjoni għad-diplomi tal-kandidati li jinsabu fl-aħħar sena tal-istudji universitarji (ara l-punt 2 tal-Anness).

2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1.	Kwalifiki Ara l-punt 2 tal-Anness.																								
2.2.	Esperjenza professjonali Ara l-punt 3 tal-Anness.																								
2.3.	Għarfien lingwistiku Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin: <table><tr><td>BG (il-Bulgaru)</td><td>FI (il-Finlandiż)</td><td>NL (l-Olandiż)</td></tr><tr><td>CS (iċ-Ċek)</td><td>FR (il-Franċiż)</td><td>PL (il-Pollakk)</td></tr><tr><td>DA (id-Daniż)</td><td>GA (l-Irlandiż)</td><td>PT (il-Portugiż)</td></tr><tr><td>DE (il-Ġermaniż)</td><td>HU (l-Ungeriz)</td><td>RO (ir-Rumen)</td></tr><tr><td>EL (il-Grieg)</td><td>IT (it-Taljan)</td><td>SK (is-Slovakk)</td></tr><tr><td>EN (l-Ingliż)</td><td>LT (il-Litwan)</td><td>SL (is-Sloven)</td></tr><tr><td>ES (l-Ispanjol)</td><td>LV (il-Latvjan)</td><td>SV (l-Isvediz)</td></tr><tr><td>ET (l-Estonjan)</td><td>MT (il-Malti)</td><td></td></tr></table>	BG (il-Bulgaru)	FI (il-Finlandiż)	NL (l-Olandiż)	CS (iċ-Ċek)	FR (il-Franċiż)	PL (il-Pollakk)	DA (id-Daniż)	GA (l-Irlandiż)	PT (il-Portugiż)	DE (il-Ġermaniż)	HU (l-Ungeriz)	RO (ir-Rumen)	EL (il-Grieg)	IT (it-Taljan)	SK (is-Slovakk)	EN (l-Ingliż)	LT (il-Litwan)	SL (is-Sloven)	ES (l-Ispanjol)	LV (il-Latvjan)	SV (l-Isvediz)	ET (l-Estonjan)	MT (il-Malti)	
BG (il-Bulgaru)	FI (il-Finlandiż)	NL (l-Olandiż)																							
CS (iċ-Ċek)	FR (il-Franċiż)	PL (il-Pollakk)																							
DA (id-Daniż)	GA (l-Irlandiż)	PT (il-Portugiż)																							
DE (il-Ġermaniż)	HU (l-Ungeriż)	RO (ir-Rumen)																							
EL (il-Grieg)	IT (it-Taljan)	SK (is-Slovakk)																							
EN (l-Ingliż)	LT (il-Litwan)	SL (is-Sloven)																							
ES (l-Ispanjol)	LV (il-Latvjan)	SV (l-Isvediż)																							
ET (l-Estonjan)	MT (il-Malti)																								
(a) Lingwa 1:	Lingwa prinċipali: Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea																								
u																									
(b) Lingwa 2:	It-tieni lingwa (trid tkun bilfors differenti mil-lingwa 1): Għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, tal-Ingliż jew tal-Franċiż																								

IV. TESTIJET TAD-DĦUL

It-testijiet tad-dħul isiru fuq kompjuter u jiġu organizzati mill-EPPO. Il-bord tal-għażla jiddetermina l-livell ta' diffikultà tat-testijiet u japprova s-sustanza tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO.

1. Stedina	Inti tiġi mistieden għat-testijiet jekk tkun invalidajt l-applikazzjoni tiegħek fil-ħin (ara t-Taqsimha VII). Attenzjoni: 1. meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, inti tiddikjara li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsimha III; 2. biex tipparteċipa fit-testijiet, trid tirriżerva data; din ir-riżervazzjoni trid bilfors issir fiż-żmien li jiġi indikat lilek permezz tal-profil tal-EPPO.	
2. Deskrizzjoni u dettalji dwar l-immarkar	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bil-għan li jiġu evalwati l-kapaċitajiet u l-kompetenzi ġenerali tiegħek fir-rigward ta' dawn li ġejjin:	
Test (a)	Ir-raġunament verbali	Marki: minn 0 sa 20 punt. Minimu meħtieġ: 10 punti
Test (b)	Ir-raġunament numeriku	Marki: minn 0 sa 10 punti.
Test (c)	Ir-raġunament astratt	Marki: minn 0 sa 10 punti.
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet (b) u (c) flimkien huwa ta' 10 punti.
Test (d)	il-valutazzjoni sitwazzjonali	Marki: minn 0 sa 40 punt. Minimu meħtieġ: 24 punt
3. Lingwa	Lingwa 1: testijiet (a), (b) u (c). Lingwa 2: test (d).	

V. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI

1. Stedina	Int se tkun mistieden għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni: — jekk tkun ksibt il-minimu meħtieġ fit-testijiet tad-dħul, u — jekk inti ^(?) tkun ksibt waħda mill-aħjar marki fit-testijiet kollha tad-dħul, u — jekk, wara l-evalwazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni elettronika tiegħek ^(?), tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III. In-numru tal-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondu bejn wieħed u ieħor ma' darbtejn u nofs in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni, u se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPPO (www.eu-careers.eu).			
2. Ċentru evalwazzjoni ta'	Iċ-ċentru ta' evalwazzjoni huwa maħsub biex jevalwa dawn il-kompetenzi: A. Kompetenzi speċifiċi fil-qasam Il-kompetenzi speċifiċi fil-qasam se jkunu ttestjati biss permezz tal-istudju ta' każ. B. Kompetenzi ġenerali ⁽⁴⁾: — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Kommunikazzjoni — Kwalità u riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Perseveranza — Ħidma ma' persuni oħra — Tmexxija Dawn il-kompetenzi se jiġu eżaminati permezz tal-elementi ⁽⁵⁾ li ġejjin: (a) studju ta' każ fil-qasam magħżul; (b) eżerċizzju fi grupp; (c) preżentazzjoni orali; (d) intervista strutturata. Int se tkun mistieden tipparteċipa fl-istudju ta' każ ⁽⁶⁾ fil-qasam magħżul (li huwa parti integrali miċ-ċentru ta' evalwazzjoni) u għall-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju se jsir Brussell jew il-Lussemburgu u li jdum jum jew jum u nofs. Kull kompetenza ġenerali se tiġi ttestjata darbtejn skont din l-iskeda:			
AD 5/AD 7	Studju ta' każ partikolari	Eżerċizzju fi grupp	Preżentazzjoni orali	Intervista strutturata
Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	x		x	
Komunikazzjoni	x		x	
Kwalità u riżultati	x		x	
Tagħlim u żvilupp		x		x
Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	x	x		
Perseveranza			x	x
Ħidma f'tim		x		x
Ħiliet ta' tmexxija		x		x

^(?) Fil-każ fejn fl-aħħar post jiġu diversi kandidati bl-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

^(?) Din l-informazzjoni tiġi verifikata, abbażi tad-dokumenti ta' prova, qabel ma tiġi stabbilita l-lista ta' riżerva (ara t-Taqsima VI.1 u t-Taqsima VII.2).

⁽⁴⁾ Dawn il-kompetenzi huma mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

⁽⁵⁾ Il-kontenut ta' dawn l-elementi huwa vvalidat mill-bord tal-għażla.

⁽⁶⁾ Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, l-istudju ta' każ jista' jsir fiċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri u/jew fi Brussell, indipendentement mit-testijiet l-oħra li jsiru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

3. Lingwa	Lingwa 2
4. Marki u piż tal-marki	Kompetenzi speċifiċi fil-qasam magħżul Minn 0 sa 20 punt. minimu meħtieġ: 10 punti Piż: 25 % tal-marka globali Kompetenzi ġenerali Minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali. Minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza, u 50 punt minn 80 għat-8 kompetenzi ġenerali kollha f'daqqa Piż: 75 % tal-marka globali

VI. LISTI TA' RIŻERVA

1. Kandidati li jid-daħħlu fil-listi ta' riżerva	Il-bord tal-għażla jniżżel ismek fuq il-lista ta' riżerva: — jekk int tkun wieħed mill-kandidati li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ ⁽⁷⁾ flimkien ma' waħda mill-aħjar marki fl-eżamijiet kollha taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara l-għadd ta' kandidati magħżula, Taqsima I.1), u — jekk, skont id-dokumenti ta' prova, tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni. Il-verifika ssir skont l-ordni dixxendenti, sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jistgħu jit-niżżlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li jkunu ġew ikklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati. Jekk jirriżulta minn din il-verifika li d-dikjarazzjonijiet ⁽⁸⁾ li saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom mhumiex ippruvati bid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati jiġu esklużi mill-kompetizzjoni.
2. Klassifika	Il-listi huma stabbiliti skont il-kompetizzjoni, skont il-qasam, skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4 gruppi) u f'ordni alfabetiku f'kull grupp ta' mertu.

VII. KIF TAPPLIKA

1. Applikazzjoni elettronika	Għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPPO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. Data tal-għeluq (inkluża l-validazzjoni): is-17 ta' April 2012 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.
2. Fajl tal-applikazzjoni	Jekk inti tagħmel parti mill-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, għandek iġġib miegħek il-fajl tal-applikazzjoni komplut tiegħek (l-applikazzjoni elettronika tiegħek iffir-mata u d-dokumenti ta' prova) meta tiġi fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni ⁽⁹⁾. Kundizzjonijiet: ara l-punt 6.1 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

⁽⁷⁾ Fil-każ fejn fl-aħħar post jiġu diversi kandidati bl-istess marka, dawn il-kandidati kollha jitniżżlu fil-lista ta' riżerva.

⁽⁸⁾ Dikjarazzjonijiet ivverifikati mill-EPPO għall-kundizzjonijiet ġenerali u mill-bord tal-għażla għall-kundizzjonijiet speċifiċi.

⁽⁹⁾ Id-data ta' meta trid tattendi ċ-ċentru ta' evalwazzjoni tiġi kkomunikata lilek fi żmien xieraq permezz tal-kont tal-EPPO tiegħek.

ANNEX

1. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika Ewropea huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità tagħhom.

Id-dmirijiet ewlenin tagħhom, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- it-tfassil, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-kontroll tal-programmi u tal-pjanijiet ta' azzjoni,
- il-ġestjoni tar-riżorsi, b'mod speċjali l-persunal, il-finanzi u t-tagħmir,
- l-assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontributi miktuba jew orali,
- l-abbozzar ta' noti ta' analiżi tal-politiki,
- il-komunikazzjoni esterna kif ukoll ir-rappurtar u l-komunikazzjoni interna,
- il-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni bejn is-servizzi u bejn l-istituzzjonijiet, kif ukoll ir-relazzjonijiet mal-partijiet interessati esterni,
- l-abbozzar tal-kuntratti, il-preparazzjoni tas-sejthiet għall-proposti u s-sejthiet għall-offerti, u l-parteċipazzjoni fil-kumitati tal-evalwazzjoni tas-segwitu tal-proċeduri tal-għażla u tal-allokazzjoni tal-proposti.

2. Kwalifiki

Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma.

L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2012.

Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar, iċċertifikati b'diploma.

Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena relatata man-natura tal-funzjonijiet.

NB: Din is-sena ma tistax tiġi kkunsidrata bħala parti min-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub fil-punt 3 hawn taħt.

3. Esperjenza professjonali

Grad AD 5

Mhi meħtieġa l-ebda esperjenza professjonali.

Grad AD 7

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet. Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

2. LIĠI

1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-liġi huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità tagħhom, jipprovdu konsulenza u pariri legali lill-unitajiet ta' ġestjoni u/jew operattivi fi ħdan id-dipartiment tagħhom, filwaqt li jiżguraw konformità mal-liġi Ewropea u ma' dik nazzjonali.

Id-dmirijiet ewlenin tagħhom, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- l-assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontributi miktuba jew orali,
- l-analiżi, ir-riċerka, il-pariri u l-assistenza fil-qasam legali kif ukoll is-supervizzjoni ta' kwistjonijiet legali,
- l-abbozzar ta' dokumenti legali,

- ir-rappurtar u l-komunikazzjoni interna dwar kwistjonijiet legali,
- il-koordinazzjoni mad-dipartimenti l-oħra u l-konsultazzjoni magħhom dwar kwistjonijiet legali,
- il-ġestjoni tar-riżorsi, b'mod speċjali l-persunal, il-finanzi u t-tagħmir,
- it-tfassil, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-kontroll tal-programmi u tal-pjanijiet ta' azzjoni.

2. Kwalifiki

Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma fil-liġi.

L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2012.

Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar, iċċertifikati b'diploma fil-liġi.

Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma fil-liġi, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

NB: Din is-sena ma tistax tiġi kkunsidrata bħala parti min-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitluba fil-punt 3 hawn taħt.

3. Esperjenza professjonali

Grad AD 5

Mhi meħtieġa l-ebda esperjenza professjonali.

Grad AD 7

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet. Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

3. AWDITJAR

1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-awditjar huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità tagħhom.

Huma jkunu mitluba wkoll jaħdmu f'oqsma bħall-awditjar finanzjarju, tal-prestazzjoni u dak intern. Dawn l-awdituri jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni u ta' konsulenza fl-oqsma operattivi kollha tal-Unjoni Ewropea bl-għan li jtejbu l-governanza u l-ġestjoni. Huma jistgħu jintbagħtu jieħdu sehem f'interventi fis-27 Stati Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Id-dmirijiet ewlenin tagħhom, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, huma notevolment:

- l-awditjar estern, l-awditjar finanzjarju kif ukoll l-eżami tal-ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-implimentazzjoni u r-rappurtar,
- il-kontroll u l-ispezzjonijiet esterni, it-titjib tas-sistemi ta' kontroll,
- l-awditjar intern, l-appoġġ metodoloġiku, il-konsulenza u t-taħriġ,
- il-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni bejn is-servizzi dwar il-kwistjonijiet tal-awditjar,
- l-informazzjoni u l-konsulenza dwar il-kwistjonijiet tal-awditjar.

2. Kwalifiki

Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma b'rabta man-natura tal-funzjonijiet, jew taħriġ professjonali/kwalifika professjonali ta' livell ekwivalenti rilevanti ma' dawk il-funzjonijiet.

L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2012.

Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas erba' snin, iċċertifikati b'diploma, b'rabta man-natura tal-funzjonijiet, jew taħriġ professjonali/kwalifika professjonali ta' livell ekwivalenti rilevanti ma' daww il-funzjonijiet.

Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma b'rabta man-natura tal-funzjonijiet, jew taħriġ professjonali/kwalifika professjonali ta' livell ekwivalenti rilevanti ma' daww il-funzjonijiet, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

NB: Din is-sena ma tistax tiġi kkunsidrata bħala parti min-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitluba fil-punt 3 hawn taħt.

Kun af li jista' jkollok bżonn tagħti prova ċara tas-suġġetti studjati sabiex ikun iktar faċli għall-bord tal-għażla li jivvaluta jekk il-kwalifiki humiex rilevanti.

3. Esperjenza professjonali**Grad AD 5**

Mhi meħtieġa l-ebda esperjenza professjonali.

Grad AD 7

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet. Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. KOMUNIKAZZJONI**1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

L-uffiċjali mfittxija se jeżerċitaw l-attività tagħhom f'wieħed jew iktar mis-setturi segwenti:

- ħidma bħala kelliem u/jew persuna li tħejji diskors,
- komunikazzjoni interna u/jew esterna,
- komunikazzjoni, informazzjoni bil-miktub u appoġġ awdjoviżwali,
- komunikazzjoni, informazzjoni fuq il-web,
- komunikazzjoni strateġika u komunikazzjoni f'każ ta' kriżi,
- relazzjonijiet mal-istampa, mal-midja, mal-ambjent politiku u mal-pubbliku b'mod ġenerali,
- organizzazzjoni ta' avvenimenti marbutin mal-promozzjoni tal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea,
- it-tfassil u l-iddisinnar ta' websajts, ta' bloggs u ta' siti oħra ta' skambju fuq il-web.

Huma jwettqu ħidma ta' analiżi, ta' tfassil, ta' studju, ta' pariri u ta' abbozzar, fost oħrajn:

- l-implimentazzjoni ta' diversi aspetti tal-politika ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni,
- organizzazzjoni ta' konferenzi stampa u ta' xandiriet awdjoviżwali,
- il-ħolqien ta' elementi grafiċi/lowgows, ta' powsters, fuljetti u dokumenti iġenerali,
- it-tfassil u t-tweqqif ta' grafika u ta' disinni maħsuba għall-web,
- appoġġ lill-ogħla livell ta' maniġment b'materjal għall-midja,
- it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' strateġiji, pjanijiet, kampanji ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni, permezz ta' diversi mezzi tal-midja, skont il-pubbliku li wieħed ikun irid jolqot,
- l-abbozzar ta' stqarrijiet għall-istampa, ta' rapporti politiki u ta' testi maħsuba għal diversi mezzi (web, awdjoviżwali, radju, pubblikazzjonijiet...),
- abbozzar ta' diskorsi u ta' analiżi,
- analiżi tal-opinjoni pubblika, tal-midja u tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri,
- monitoraġġ/sorveljanza u analiżi tal-impatt tal-midja.

2. Kwalifiki

Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma, f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li ġejjin: komunikazzjoni, midja, ġurnaliżmu, relazzjonijiet pubbliċi jew xjenzi politiki.

L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2012.

Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' mill-anqas erba' snin, konklużi u ċċertifikati b'diploma f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li ġejjin: komunikazzjoni, midja, ġurnaliżmu, relazzjonijiet pubbliċi jew xjenzi politiki.

Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' mill-anqas tliet snin, konklużi u ċċertifikati b'diploma f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li ġejjin: komunikazzjoni, midja, ġurnaliżmu, relazzjonijiet pubbliċi jew xjenzi politiki, segwit minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

NB: Din is-sena ma tistax tiġi kkunsidrata bħala parti min-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitluba fil-punt 3 hawn taħt.

3. Esperjenza professjonali

Grad AD 5

Mhi meħtieġa l-ebda esperjenza professjonali.

Grad AD 7

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin, b'rabta man-natura tal-funzjonijiet. Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

5. RELAZZJONIJIET ESTERNI

1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

B'mod ġenerali, l-amministraturi fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni huma inkarigati bl-implimentazzjoni u l-parteeipazzjoni fid-definizzjoni tal-politika barranija tal-Unjoni Ewropea (l-UE), li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali jew multilaterali ffirmati mill-UE, mill-parti esterna tal-politiki interni tal-UE, kif ukoll tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni u tal-politika ta' difiża komuni tal-UE. Il-karriera tal-uffiċjal fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni tista' tinkludi impjeg f'pos-tijiet fi ħdan id-delegazzjonijiet tal-UE.

Id-dmirijiet ewlenin involuti jinkludu:

- l-implimentazzjoni tal-ftehimiet bilaterali, bireġjonali u multilaterali tal-UE mal-pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kontribut għall-koordinazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni mal-parti esterna tal-politiki interni tal-UE,
- il-koordinazzjoni tal-azzjoni esterna tal-UE b'rabta mal-Istati Membri u mad-diversi istituzzjonijiet tal-UE,
- iż-żamma tar-relazzjonijiet diplomatiċi mal-pajjiżi sħab tal-UE u l-promozzjoni tal-interessi tal-UE,
- il-komunikazzjoni esterna u l-komunikazzjoni interna, ir-relazzjonijiet mal-atturi esterni, b'mod partikolari ambax-xati, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili,
- ir-rappurtar politiku, l-abbozzar ta' noti ta' analiżi politika u ta' briefings għal min jieħu d-deċiżjonijiet,
- l-organizzazzjoni u l-parteeipazzjoni f'laqgħat ta' livell għoli li jinvolvu l-protokoll,
- il-ħidma f'kollaborazzjoni stretta mad-delegazzjonijiet tal-UE fid-dinja kollha.

2. Kwalifiki

Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma.

L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2012.

Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar, iċċertifikati b'diploma.

Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena relatata man-natura tal-funzjonijiet.

NB: Din is-sena ma tistax tiġi kkunsidrata bħala parti min-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitluba fil-punt 3 hawn taħt.

3. Esperjenza professjonali

Grad AD 5

Mhi meħtieġa l-ebda esperjenza professjonali.

Grad AD 7

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin, b'rabta man-natura tal-funzjonijiet. Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.
